**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 11 ta’ Dicembru 2018**

**Kumpilazzjoni numru 690/2006**

**Il-Pulizija**
**(Assistent Kummissarju Ian Abdilla)**

**vs**

**Carmelo Gauci**
**(ID: 413160M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Carmelo Gauci** talli fl-4 ta’ Mejju 2006 u fil-granet ta’ qabel, ghamel falsifikazzjoni f’att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali, jew ta’ bank privat, b’falsifikazzjoni jew b’tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi holoq pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi, jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f’dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu gew iffirmati, inkella billi zied jew biddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw.

Talli fl-istess cirkostanzi, xjentement ghamel uzu mill-istess skrittura jew skritturi foloz.

Rat illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti permezz ta' digriet tal-Onor. Prim' Imhallef Silvio Camilleri datat 26 ta' Ottubru 2017 wara li kienet giet differita *sine die* minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-22 ta' Mejju 2008;

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja;[1]

Hadet konjizzjoni tal-provi mressqa quddiem din il-Qorti diversament presjeduta;

Semghet ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni;

Semghet lill-imputat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkunsidrat**:

Illi f'dawn il-proceduri l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' falsfikazzjoni a tenur tal-artikolu 183 u 184 tal-Kodici Kriminali.

**L-Ispettur Joseph Cordina** spjega illi huwa kien ircieva rapport minghand certu John Portelli, *Human Resources Manager* fil-Freeport, li allega li l-imputat kien ghamel falsifikazzjoni fuq xi dokumenti. Skont l-informazzjoni migbura, fit-2 ta' Mejju 2006 l-imputat kien talab lil certu Raymond Spiteri, haddiem fil-*Human Resources Department* tal-Freeport, ittra bil-miktub li tikkonferma li fil-15 ta' Marzu 2006 kien xoghol matul il-guranta u dan sabiex ikun jista' jikkontesta citazzjoni li kien qala'. L-imputat kien ipprezenta xi dokumenti lil Spiteri li dan min-naha tieghu ghaddihom ghall-verifika mal-*palm entry*. Spiteri rrizultalu li l-imputat ma kienx xoghol filghodu fil-15 ta' Marzu 2006 u ghalhekk irrapporta l-kaz lil *supervisor* tieghu, certu Martin Darmanin, li sab li d-dokumenti li l-imputat ghadda kienu ffalsifikati. Ghalhekk l-imputat intalab jaghmel it-talba tieghu bil-miktub, liema talba ghaddiet lil certu Frank Azzopardi b'nota li tikkonferma li l-imputat ma kienx xoghol matul il-gurnata izda kien xoghol waranofsinhar.

**Raymond Spiteri** spjega li huwa jahdem fil-*Human Resources Department* tal-Freeport u li fit-3 ta' Mejju l-imputat kien staqsih biex jaghmillu karta li fil-15 ta' Marzu kien xoghol. Jistqarr li l-imputat kien hadlu xi *vessel logs*, liema *logs* jimtlew mill-iskrivani appuntati xoghol mal-vapur. Hu ghadda t-talba lis-superjur

[1] A fol. 9

tieghu fejn talbu rapport tar-records tal-*swipings* minn fejn irrizulta li fil-gurnata in kwistjoni l-imputat kien dahal xoghol fit-3.35pm. Huwa ghadda din l-informazzjoni lil certu JohnVisanich.

**Martin Darmanin,** *ship leader* mal-Malta Freeport, spjega illi fl-4 ta' Mejju 2006 Raymond Spiteri, *opertions clerk* kien ghaddielu xi *vessel logs* sabiex jivverifikahom mal-original li kellu fil-pussess tieghu. Jghid li dawn ma qablux. Jghid pero` li l-*logs* li ghaddielu Spiteri ma kienux kopja tal-original li kellu fil-pussess tieghu u li d-dokumenti rispettivi kienu gew mimlija minn zewg persuni differenti. Jghid li fil-*logs* li kellu hu jirrizulta illi l-imputat fil-gurnata in kwistjoni kien hadem it-tielet xift u cioe mill-4.00pm sa nofsillejl.

**John Visanich**, *personal officer* mal-Malta Freeport, jghid li Dok MB3 a fol. 44 juri l-hinijiet li l-imputat dahal u hareg mix-xoghol fil-15 ta' Marzu 2006 u cioe` dahal 15:39 u hareg f'nofsillejl u ghalhekk kien fix-xift tal-4.00pm.

**Julian Jason Bonnici** spjega li fiz-zmien tal-incident kien jahdem bhala *ship leader* fil-Malta Freeport. Jispjega li fil-15 ta' Marzu 2006 huwa ma kienx xoghol ghalkemm ismu jirrizulta fuq il-*vessel log* esebit a fol. 28. Jispjega li l-istess dokumenti kien jimlihom l-*operations clerk* u hu ma kien jiffirma xejn. Jispjega li x-xift tieghu kien differenti minn tat-*tally clerks* u fix-xift tieghu kien jilhaq zewg *tally clerks.*

**Raymond Azzopardi**, *crane operator* mal-Malta Freeport, spjega li huwa kien jahdem mal-imputat li dak iz-zmien kien *clerk*. Spjega li l-imputat kien jaghtih il-pozizzjoni fejn jitfghu jew fejn ipoggi x-xoghol fuq il-vapur. Muri d-dokumenti esebiti minn fol. 18 *et seq* u minn fol. 34 *et seq* huwa spjega li l-ebda kitba m'hi tieghu peress li l-informazzjoni kien jimliha l-*clerk*. Jistqarr li ma kienx jiftakar jekk fil-15 ta' Marzu 2006 kienx xoghol.

**Emanuel Joseph Pisani** spjega illi fl-2006 huwa kien *opertions clerk* mal-Malta Freeport u kien hemm tliet xiftijiet, u cioe` ix-xift ta' filghodu jibda fit-tmienja, ix-xift tal-4.00pm u x-xift ta' nofsillejl. Jispjega li xoghlu kien li jaghti struzzjonijiet lil min ikun qieghed jopera l-*crane*. Jispjega illi bhala *tally clerk* kienu jahdmu erba' sighat mit-tmien sighat tax-xift. Jghid li wara li kien jimla d-dokumenti bhal dawk esebiti a fol. 34 *et seq* kienu jimpustawhom go xi kaxxa. Ix-xhud gharaf il-kitba tieghu fuq id-dokumenti a fol. 42 u 43. Jispjega li gieli kien ikun hemm okkazjonijiet fejn kienu jbiddlu l-granet jew il-hinijiet bejniethom.

**L-imputat** xehed illi lejn l-ahhar ta' April/bidu ta' Mejju 2006 kien ircieva citazzjoni ta' xi kontravvenzjoni u ghalhekk iccekkja mad-djarju tieghu biex jara kienx xoghol fil-gurnata li fiha qala' c-citazzjoni u rrizultalu li kien xoghol tal-gurnata. Jghid li huma kienu jahdmu xift ta' gimgha, u cioe` gimgha *day*, gimgha wara nofsinhar u gimgha bil-lejl. Ghalhekk kellem lil Raymond Spiteri u spjegalu l-kaz u talbu ghal karta biex tipprova li kien xoghol dakinhar tac-citazzjoni. Wara xi gimgha ma sema' xejn, rega' kellem lil Raymond Spiteri fuq it-telefon li talbu biex jaghmel it-talba bil-miktub u biex johdilhom il-provi. Huwa qallu li l-provi kollha ghandhom qeghdin, pero` Spiteri qallu li kien qed jitolbu jaghmel dan sabiex ma joqghodx ifittex. Jghid li hu qabad jikkonfondi kif se jaghmel u dak il-hin inzerta kien hemm Dr. Ian Micallef hdejh, li kien avukat tal-Freeport, u qallu "tikkonfondi xejn" u mlielu xi karta hu u ffirma l-imputat u ta kollox lil Spiteri. Jispjega li l-ghada kien ircieva li kien sospiz mix-xoghol u li kien se jghaddi Bord tad-Dixxiplina. Jghid li meta tela' Bord kien hemm certu Frank Azzopardi li gie mistoqsi jekk kinux jafu li l-imputat ma kienx xoghol u Azzopardi wiegeb li iva kienu jafu u dak il-hin l-avukat tal-imputat qallu li mela huma ppruvaw jilghabuh. Jghid li dak il-hin certu Portelli, direttur tal-*Human Resources*, qam, sabbat is-siggu u telaq 'il barra u wara ftit qalulu li mill-ghada seta' jerga' jirraporta ghax-xoghol.

Jghid li huwa kien izomm rendikont peress li ma' certu ammont ta' *containers* kienu jiehdu xi hlas u ghalhekk kien fl-interess tieghu li jzomm rendikont ta' meta u kemm ghamel *containers*. Jispjega li pero` l-Kumpanija kellha rekord ta' kull haddiem x'hin jidhol u x'hin jitlaq mix-xoghol, apparti li l-*vessel logs* kienu jigu depozitati go *letterbox* appena wiehed jispicca minn krejn.

Jispjega li bhala *clerk* huwa kien jimla l-*vessel log*, inkluz l-isem tal-persuni li jkunu qed jahdmu mieghu fix-xift.

Ix-xhud spjega li llum il-gurnata huwa jokkupa l-kariga ta' *shift leader* u cioe` kariga b'responsabbilità ghola minn dik ta' *clerk*. Muri d-dokumenti a fol. 18 *et seq* l-imputat stqarr li hemm imnizzel l-ismijiet ta' kull min hadem fix-xift. Jispjega li f'xift wiehed, erba' sighat kienu jinhadmu gol-krejn u erba' sighat fuq il-vapur.

In kontro-ezami l-imputat jghid li l-unika raguni li jista' jahseb fiha ghala spicca f'din il-bicca xoghol kien ghaliex kien *front liner* ta' *union.*

**Lawrence Portelli** spjega li llum pensjonant pero` fiz-zmien kien ufficjal tal-Malta Freeport u ghamel zmien twil Cermen tal-Bord tad-Dixxiplina. Fil-kaz tal-imputat

jiftakar illi l-Kumpanija kienet tellghatu Bord ghaliex kien qala' citazzjoni u mar il-*Human Resources* biex jaghmlulu karta li kien xoghol u l-*Human Resources* talbuh jaghmlilhom karta x'qed jitlob minghandhom u jista' jkun li talbuh ukoll *vessel log*. Jispjega li biex il-Kumpanija tkun taf haddiem taghha kienx xoghol jew le f'gurnata partikolari kien facli hafna peress li kien hemm sistema ta' *punching*. Ix-xhud spjega li *vessel log* tintela ghal kull vapur u din tghaddi ghand is-*supervisor* u kwindi l-*vessel logs* partikolari ta' dik il-gurnata kienu digà ghand il-Kumpanija.

Jispjega li waqt is-seduta tal-Bord tad-Dixxiplina rigward dan il-kaz irrizulta li l-Kumpanija kienet taf li l-imputat ma kienx xoghol u *nonostante* dan talbitu jaghmel karta u *vessel log* li jikkonferma li kien xoghol. Jghid li meta l-Bord kellu dawn il-fatti quddiemu ddecidew li jwaqqfu l-proceduri u l-imputat rega' dahal ghax-xoghol.

Jispjega illi meta kien jahdem kien hemm sistema fejn min kien jahdem bhall-imputat kien izomm rendikont kemm ikun tella' *containers* ghaliex mal-ammont kien hemm marbuta *allowance*. Jghid ukoll illi barra n-numru ta' *containers* jimmagina li kienu jnizzlu wkoll ix-xift li hadmu fih.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat jinsab akkuzat illi ghamel falsifikazzjoni fuq *vessel log* tal-Kumpanija Malta Freeport u li xjentement ghamel uzu mill-istess dokumenti. Illi skont il-Prosekuzzjoni, id-dokumenti ffalsifikati huma dawk a fol. 34 sa 37 tal-process li gew sottomessi mill-imputat lil Raymond Spiteri u li juru li l-imputat hadem ix-xift mit-8.00am sal-4.00pm.

Illi dawn l-akkuzi nghataw ai termini tal-artikolu 183 u 184 tal-Kodici Kriminali li jghid is-segwenti:-

*"183. Kull persuna oħra li tagħmel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummerċjali jew ta' bank privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, billi toħloq pattijiet, dispożizzjonijiet jew obbligi foloz jew ħelsien falz minn obbligi, jew billi ddaħħal dawn il-pattijiet, dispożizzjonijiet obbligi jew ħelsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skritturi wara li jkunu ġew iffurmati, inkella billi żżid jew tbiddel klawsoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawk l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw, teħel, meta tinsab ħatja, il-piena ta' priġunerija minn tlettax-il xahar sa erba' snin, bir-reklużjoni jew mingħajrha.*

*184.Kull persuna li xjentement tagħmel użu minn att, kitba jew skrittura falza msemmija fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-sub-titolu,teħel, meta tinsab ħatja, il-piena stabbilita għall-awtur tal-
falsifikazzjoni."*

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali tas-17 ta' Ottubru 1997, fl-ismijiet **Pulizija v. Paul Galea**,[2] inghad hekk:

*"Id-differenza bejn il-falz materjali u l-falz ideologiku hi spjegata mill-awturi b'dan il-mod: filwaqt li fil-kaz tal-falz materjali d-dokument jigi ffalsifikat fl-essenza tieghu, fil-falz ideologiku d-dokument ikun iffalsifikat biss fis-sustanza u cjoe` fil-kontenut ideali tieghu ((Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale – Parte Speciale II (Giuffre`, Milano, 1986), p.604) ikun hemm falsita` materjali meta d-dokument ikun wiehed mhux genwin (jigifieri jew meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-formazzjoni definittiva tieghu), mentri fil-falz ideologiku, ghalkemm id-dokument ikun genwini "non e` veridicio, perche` colui che lo ha formato gli fa dire cose contrarie al vero". Ghall-finijiet tad-dottrina in tema ta' falsita` jkun hemm dokument kull fejn hemm kitba, attribwibbli ghal persuna identifikabbli, liema kitba tkun tikkontjeni esposizzjoni ta' fatti jew dikjarazzjoni ta' volonta` (Antolisei, F. op. pit, p. 594). S'intendi, b'kitba wiehed ma ma jifhimx biss is-sinjali alfabetici, izda tinkludi dawk numerici, stenografici u anke kriptografici, basta li dik il-kitba tesprimi hsieb li jkun jiftiehem minn kulhadd jew minn certu numru ta' nies. Il-kitba f'dan is-sens tista' ssir kemm bl-id kif ukoll b'mezzi mekkanici, b'mezzi indelibbli jew li jista' jithassar u fuq kwalsiasi mezz li jista' jiehu imqar temporanjament il-messagg…"*

Fis-sentenza ta' din il-Qorti, kif diversament preseduta, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Glen Debattista** tal-11 ta' Settembru 2013, saret referenza ghat-taghlim ta' Manzini u ta' guristi eminenti ohrajn u b'referenza ghas-sentenza fuq citata, qalet hekk:

*"… dik il-Qorti segwiet id-dottrina dwar il-falz ideologiku u il-falz materjali abbraccjata kemm minn Antolisei kif ukoll minn Manzini. Fi kliem Manzini jkun hemm falzita' materjali meta d-dokument ikun wieħed mhux genwin (jigifieri jew*

[2] Din is-sentenza giet citata f'diversi sentenzi ohrajn dwar din il-materja fosthom Il-Pulizija vs Glen Debattista, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 11 ta' Settembru 2013; Il-Pulizija vs John Mercieca, Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 3 ta' Novembru 2009; Il-Pulizija vs Peter sive Pierre Falzon, Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, 30 ta' Jannar 2018

*meta l-awtur apparenti ma jkunx l-awtur reali tad-dokument jew meta d-dokument ikun issubixxa alterazzjonijiet wara l-forma definittiva tiegħu). Min-naħa l-oħra ikun hemm il-falz ideologiku meta għalkemm id-dokument ikun genwin 'non e' veridicio, perche' colui che lo ho formato gli fa dire cose contrarie al vero.' L'Antolisei jelabora fuq dan il-punt u jgħid: Dal fin qui detto si desume che il falso materiale, in quanto esclude la genuinita' del documento, puo' presentarsi solo in due forme: nella forma della contraffazzione, la quale si ha allorche' il documento e' posta in essere da persona diversa da quell ache provenga, e nella forma dell'alterazione, la quale si verifica quando il documento, redatto dall'autore apparente, ha subito una di quelle modificazione di cui ora abbiamo parlato.*[3] *Illi l-Professur Mamo jikkwota wkoll b'approvazzjoni dak li jgħid l-awtur Ingliż Kenny: Accordingly an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not. Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself.'*[4] *Illi l-istess Profs Mamo jirreferi għad-dottrina Taljana msemmija aktar 'il fuq fejn jingħad 'that the forgery must be in the 'materialita' della scrittura', that is, the public or private writing in its external conditions as a document."*[5] *Illi l-punt li jitkellem fuqu Kenny joħrog minn dan il-bran li jidher fl-edizzjoni ta' l-Archbold ta' l-1978: The concept of forgery and the rationale of the offence were summarised in paragraphs 41 to 43 of the Law Commission Report: 'By the middle of the nineteenth century it was established that for the purpose of the law of forgery the fact that determined whether a document was false was not that it contained lies, but that it told a lie about itself. It was in R versus Windsor (1865) that Blackburn J said: 'Forgery is the false making of an instrument purporting to be that which it is not, it is not the making of an instrument which purports to be that it really is, but which contains false statements. Telling a lie does not become a forgery because it is reduced into writing.' This test was applied in the Court of Appeal in R versus Dodge and Harris. As we have said the primary reason for retaining a law of forgery is to penalise the making of documents which, because of the spurious air of authenticity given to them are likely to lead to their acceptance as true statement of the facts related in them. We do not think that there is any need for the extension of forgery to cover falsehoods that are reduced to writing. The essential feature of a false instrument in relation to forgery is that it is an instrument 'which tells a lie about itself' in the sense that it purports to be made by a person who did not make it (or altered by a person who did not alter it) or otherwise purports to be made or altered in circumstances in which it was not made or altered".*

---

[3] Hawnhekk il-Qorti ticcita minn Antolisei, F., Manuale di Diritto Penale, Parte Speciale II, pagna 606
[4] Prof. Mamo Anthony Notes on Criminal Law Part II, pagna 161.
[5] Professur Mamo Anthony, op.cit., pagna 161.

Din il-Qorti taghmel ukoll referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Samuel Herd** tat-30 ta' Novembru 2017:

*"9. ... Jghallem il-Mamo, illi hlief ghal dak li jirrigward l-falsifikazzjoni ta' dokumenti pubblici u privati, l-Kodici Kriminali, bhal ligijiet li minn fuqhom kienu abbozzati l-artikoli tal-falsifikazzjoni, ma jipprovdux tifsira tal-istess. Huwa jiccita lill-Roberti u lill-Pessina li huma tal-fehma illi falsifikazzjoni tista' ssir b'zewg mezzi: jew billi jinholoq dokument ex integro jew parti minnu jew billi ssir alterazzjoni ta' dokument genwin. Itenni ukoll illi ma jistax jonqos l-element formali tar-reat skond il-principju emergenti mid-dritt Ruman: non sine dolo male falsem". Kwantu wiehed mill-elementi kostituttivi tal-aspett materjali tar-reat, il-Professur Mamo (op. Cit a fol 161) jiccita l-awtur Kenny li jsostni li "an instrument is not a forgery when it merely contains statements which are false, but only when it falsely purports to be itself that which it is not... Thus a forgery is a document which not only tells a lie, but tells a lie about itself".*

*... Fil-kaz odjern, l-attendance sheets juru hinijiet ta' xoghol tieghu meta fil-verita' ma kienx prezenti fuq l-istess post tax-xoghol. Dan huwa kaz klassiku tal-falz ideologiku kif distint mill-falz materjali li b'mod simplistiku huwa ta' spiss spjegat bhala holqien ta' dokument veru li, izda, jkun fih dikjarazzjoni inveritiera".*

U wara referenza ghall-bran mis-sentenza fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Paul Galea', citat izjed 'il fuq, il-Qorti kkonkludiet illi*: "Illi ghalhekk il-fehma tal-appellant illi r-reat ta' falsifikazzjoni necessarjament jirrikjedi alterazzjoni f'dokument hija wahda zbaljata. L-artikolu 188 tal-Kodici Kriminali li tieghu instab hati l-appellant huwa forma ta' falsita' ideologika u bhala tali huwa soggett ghall-konsegwenzi kollha li ggib maghha din il-htija kompriz ghalhekk dik ravvizata fl-artikolu 190 tal-istess kodici."*

Illi fil-kaz odjern, mill-provi jirrizulta illi l-imputat gie mitlub iforni prova lid-Dipartiment tal-*Human Resources* illi fil-gurnata tal-15 ta' Marzu 2006 huwa kien xoghol fix-xift tal-gurnata. Illi l-imputat kull ma kellu kien djarju personali fejn kien izomm rekord ta' x'*containers* ikun ghabba fix-xift tieghu. Il-*vessel log* tal-gurnata in kwistjoni kien ghaddih *a tempo vergine* lis-superjuri tieghu u ghalhekk ma kellux iktar kontroll fuqu. Ghalhekk biex jissodisfa t-talba tad-Dipartiment tal-*Human Resources* huwa mela *vessel log* iehor u dan gimghat wara li kien gie sottomess il-*vessel log* originali. Il-Qorti tosserva illi d-Dipartiment tal-*Human Resources* seta' facilment jaghmel il-kontroll mitlub hu peress li l-impjegati kollha

tal-Kumpanija kienu juzaw is-sistema ta' *palm reader* kull meta jidhlu u johorgu minn fuq il-post tax-xoghol. Infatti gie esebit dokument immarkat bhala Dokument MV3 a fol. 44 li minnu jirrizulta illi fil-15 ta' Marzu 2006 l-imputat dahal xoghol fit-15:30 u telaq mix-xoghol f'00:00. Allura jirrizulta li hadem ix-xift li jibda fl-4.00pm. Jirrizulta wkoll li hadem l-istess xift fit-13 ta' Marzu 2006, fl-14 ta' Marzu 2006, fis-16 ta' Marzu 2006 mentri fis-17 ta' Marzu 2006 jirrizulta li dam fuq il-post tax-xoghol cirka siegha u nofs biss. Illi ghalhekk jirrizulta li dik il-gimgha l-imputat kien imissu x-xift ta' wara nofsinhar. Illi ghalhekk din il-Qorti hija konvinta li l-imputat fil-15 ta' Marzu 2006 kien xoghol ix-xift li jibda fl-4.00pm.

Illi pero` fir-rigward tal-*vessel logs* esebiti mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti tirrileva illi l-istess Prosekuzzjoni esebiet biss fotokopji tal-*vessel logs* in kwistjoni. Certament din mhix l-ahjar prova li setghet tessaq il-Prosekuzzjoni. L-original sottomess mill-imputat lil Raymond Spiteri kien jikkwalifika bhala l-ahjar prova. L-istess jikkwalifika bhala l-ahjar prova l-original tal-*vessel* log ghax-xift tal-4.00pm li pero` ma giex esebit f'dawn il-proceduri. Il-Qorti tosserva wkoll illi l-unika fotokopja li hemm tal-*vessel log* tal-15 ta' Marzu 2006 fir-rigward tax-xift tal-gurnata u li fuqha m'hemmx imnizzel isem l-imputat hija dik a fol. 22 li pero` ma tirriflettix il-hinijiet kollha tax-xift izda biss mill-10.15am sal-4.00pm. Ghaldaqstant hemm nuqqas iehor fil-kwadru tal-provi tal-Prosekuzzjoni ghaliex din il-Qorti ma tistax tikkompara lanqas fotokopja ma' fotokopja ohra. Filwaqt li l-fotokopji tal-*vessel log* ipprezentat mill-imputat lil Raymond Spiteri jinsabu esebiti fol. 18 u 25 (li jirrigwardaw ix-xift ta' filghodu), l-uniku kopja li hemm tal-*vessel log* li kellha f'idejha l-Kumpanija ghall-istess xift hija dik a fol. 22 li kif digà inghad ma jurix is-sieghat kollha tax-xift.

Illi apparti dan kollu, fil-fehma tal-Qorti l-pern tal-kwistjoni huwa dwar jekk dawn il-fatti jikkostitwux ir-reat ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali. Fid-dawl tal-principji legali ezaminati iktar 'il fuq, il-Qorti tqis illi l-att li wettaq l-imputat ma jaghtix lok ghall-falz materjali. La jirrizulta – u lanqas qed jigi allegat - illi d-dokumenti *per se* ma kinux genwini, kif lanqas jirrizulta li d-dokumenti ssubew xi alterazzjoni wara l-formazzjoni taghhom. Mill-banda l-ohra, din il-Qorti tqis illi dawn il-fatti jammontaw ghal falz ideologiku u dan ghaliex filwaqt li d-dokumenti huma genwini, dawn jindikaw dak li mhuwiex minnu u cioe` il-falz. Illi r-reati taht l-Artikoli 183 u 184 tal-Kodici Kriminali, li bihom gie mixli l-imputat, jikkontemplaw madanakollu il-falz materjali. Fis-sentenza taghha tas-16 ta' Dicembru 2010, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Manwel Cassar**, il-Qorti tal-Magistrati

(Ghawdex) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali,[6] irriteniet illi l-Artikoli 183, 184 u 185 tal-Kodici Kriminli jirrigwardaw il-falz materjali,[7] mentri l-Artikolu 188 tal-imsemmi Kodici jirrigwarda l-falz ideologiku.

Huwa evidenti illi l-kaz odjern m'huwiex wiehed ta' nuqqas ta' genwinita tad-dokument li jikkostitwixxi l-falz materjali, izda ta' nuqqas ta' verita` li jikkostitwixxi l-falz ideologiku. Ghaldaqstant, il-Qorti jidhrilha illi r-reat ai termini tal-Artikolu 183 tal-Kodici Kriminali, addebitat lill-imputat, ma jirrizultax. Konsegwentement l-istess irid jinghad fir-rigward tal-Artikolu 184 tal-istess Kodici.

**DECIDE**

Ghaldaqstant, il-Qorti, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti qieghda tiddikjara lill-imputat Carmelo Gauci, mhux hati tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu u tilliberah minn kull piena u imputazzjoni.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur

[6] Din is-sentenza giet ikkonfermata mill-Qorti tal-Appell Kriminali b'sentenza tal-10 ta' Gunju 2011
[7] Ara wkoll is-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Simon Victor Dimech, Qorti tal-Appell Kriminali, 2 ta' Ottubru 2014, fejn l-imputat gie akkuzat li hareg fatturi ghal xoghol li qatt ma sar.